MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 128/2007

**Frances Bergedahl ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Central Mediterranean Corporation Limited (Reg. Nru. C 453)**

**vs**

**Francis Formosa (Karta ta' Identita' Numru 458242M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu rikorrenti nomine ssottomettiet:

1. Illi ai termini ta’ kuntratt datat 28 ta’ Novembru 1980, fl-Atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella giet moghtija in koncessjoni sub-enfitewtika ‘*boathouse’* gewwa Santa Maria Estate Numru mija u wiehed u ghoxrin (121) bil-patt u kondizzjoni li ai termini tal-klawsola sebgha (7) ‘*The said boathouse shall not be used for residential or commercial purposes but shall be used exclusively as a boathouse or store*.’ – Dok. M1.

2. Illi ai termini ta’ sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-9 ta’ Marzu 2001 fl-ismijiet ‘Albert Mizzi f’isem Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Francis Formosa et.’ Citazzjoni Numru 871/81IDS, gie dikjarat u deciz li l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet ta’ l-istess billi ghamel uzu tal-*boathouse* bhala residenza – Dok. M2.

3. Illi skond il-kuntratt fi klawsola sebgha (7), jekk il-*boathouse* tintuza ghal skopijiet residenzjali trid tithallas penali ta’ sitt Liri Maltin (Lm6) kuljum: ‘*If the grantee is in default he shall be liable to pay a penalty of six Maltese Liri (Lm6) for everyday of default.*’

4. Illi minhabba l-fatt illi gie dikjarat illi l-konvenut qieghed juza l-*boathouse* kontrarjament ghal dak stipulat fi klawsola 7 tal-kuntatt, konsegwenzjalment skond l-istess klawsola 7 tal-kuntratt hemm penali ta’ sitt Liri Maltin (Lm6) kuljum.

5. Illi fit-12 ta’ Settembru 2003 – Dok. M3 u fl-1 ta’ Awissu 2006 – Dok. M4 – is-socjeta’ attrici pprezentat protest kontra l-konvenut fejn interpellatu sabiex ihallas il-penali dovuti, izda baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi bhala konsegwenza tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-9 ta’ Marzu 2001, il-konvenut huwa obbligat li jhallas il-penali ta’ sitt Liri Maltin (Lm6) kuljum;

2. Tordna l-likwidazzjoni tal-penali dovuti;

3. Tikkundanna lill-istess konuenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma likwidata bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez u l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni li tispetta lis-socjeta' attrici ghall-kontravenzjoni perdurata u kontinwata jew xort' ohra tal-konvenut skond l-imsemmi kuntratt.

Rat li l-intimat debitament notifikat baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Semghet lill-Albert Mizzi bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Peress illi t-talbiet tar-rikorrenti jidhru li huma gustifikati u mhux kontestati;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti
U tikkundanna lill intimat ihallas is-somma ta' mija tnejn u erbghin elf, erba' mija hamsa u erbghin Ewro (Ewro 142,445.84 ekwivalenti ghal Lm61,152) ;
Bl-ispejjez kontra l-intimat;
U bl-imghax legali sad data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------